MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 2230/2000/1

**Doris DEBONO ghan nom u in rapresentanza ta' zewgha imsiefer Anthony DEBONO.**

**Vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-citazzjoni mressqa fid-29 ta' Settembru, 2000 tal-attrici nomine li permezz taghha ippremettiet:

Illi l-attur Anthony Debono kien dejjem igib kunjom tieghu ta' Debono meta sussegwentement ragel li kellu relazzjoni ma' ommu, iddikjara li kien qed jirrikonoxxih, u dan meta hu kien maggorenni, u sahansitra kien izzewweg u kellu t-tfal u tahom il-kunjom "Debono";

Illi dan ir-rikonoxximent sar fl-atti tan-Nutar Gambin fis-26 ta' Gunju, 1975, meta hu kien sahansitra kellu passaport bil-kunjom relativ ta' Debono;

Illi minkejja kull tentativ li ghamel biex ikollu l-kunjom Debono fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu, dan kien ghalxejn.

Li kull ostaklu anke legali huwa null u bla effett, stante li jmur kontra l-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan b' riferenza ghar-rispett lejn l-individwu kif protett mill-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja, liema kawzali tista' titqajjem quddiem din il-Qorti.

Li huwa ghandu jedd li jzomm il-kunjom "Debono" li dejjem kien maghruf bih, u li ghadda lil uliedu.

Talbet ghalhekk li din l-Onorabbli Qorti;

1. tiddikjara li l-attur ghandhu dritt li jgib il-kunjom Debono billi tigi ordnata minn din il-Qorti l-annotazzjoni fil-margini tal-att tat-twelid numru 5621 tas-sena 1944 li tghid li l-attur hu maghruf ukoll bil-kunjom Debono.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-xhieda ta' l-attrici nomine;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi fiha eccepixxa:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fic-citazzjoni attrici;

2. Illi huwa mhux f' pozizzjoni li jressaq l-eccezzjonijiet tieghu f' dan l-istadju peress illi ma kienx possibbli ghalih jidentifika liema att tat-twelid huwa mertu tal-kawza odjerna stante li c-citazzjoni attrici ma taghmel ebda riferenza ghan-numru progressiv tal-istess att tat-twelid;

3. Illi ghalhekk huwa jirriserva li jressaq l-eccezzjonijiet tieghu fi stadju ulterjuri meta l-attur jiddikjara n-numru progressiv tal-att tat-twelid mertu ta' din il-kawza;

4. Illi huwa m' ghandux ibati spejjez.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Konvenut Direttur tar-Registratur Pubbliku ulterjuri a fol 48 tal-process li permezz taghha ecepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur ghar-ragunijiet segwenti:

Illi d-dokumenti ta' statu civili huma dokumenti storici li jirriflettu l-istat legittimu u l-identita' reali tal-wild u mhux l-istat jew l-identita' li l-wild jiddeciedi li jrid jassumi anke jekk hu jaf li dan l-istat/identita' ma jirriflettux ir-realta' tal-fatti;

Illi fil-kaz odjern l-istat u l-identita' reali tal-attur hija ta' Anthony Grech u mhux ta' Anthony Debono, u dan in segwitu ghal kuntratt ta' rikonoxximent tal-1975

debitament redatt u li a bazi tieghu l-attur assuma kunjom missieru skond l-Artikolu 92 (1) tal-Kap 16;

Illi in vista ta' dan l-izvillup dwar il-paternita', l-esponent (li l-funzjoni tieghu hi BISS ta' registrazzjoni tal-atti) irregistra l-paternita' ta' Antonio Grech skond il-provvedimenti tal-Artikolu 289 (1) tal-Kap 16, bl-annotazzjonijiet kollha relattivi li titlob il-ligi u ghalhekk l-esponent dejjem agixxa fil-parametri tal-ligi;

2. Illi kwistjoni principali fil-kawza odjerna mhix ta' kontestazzjoni tar-rikonoxximent tal-paternita' innifisha (li setghet saret permezz ta' kawza *ad hoc* a bazi tal-Artikolu 99 tal-Kap 16), imma kawza naxxenti minn danni morali/psikologici li l-attur sofra minhabba nuqqas ta' nformazzjoni da parti tal-familja tieghu u ghaldaqstant kwalunkwe azzjoni mill-attur kien messha ttiehdet fil-konfront tal-familjari tieghu u mhux tal-esponent;

3. Illi inoltre, in kwantu ghar-raba' premessa tac-citazzjoni attrici, l-istat attwali tal-ligi maltija fir-rigward tar-rikonoxximent ta' paternita' ma jmurx kontra d-dritt sancit bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

4. Illi ghar-ragunijiet suesposti l-esponent m' ghandux ibati spejjez;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni ulterjuri mahlufa u n-Nota tax-Xhieda tal-konvenut a fol-49-50 tal-process.

Rat il-provi komprizi dawk dokumentarji;

Rat in-noti ta'sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Gunju 2003 li permezz tieghu il-partijiet qablu li kawza tibqa ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi f' din il-kawza l-attur qed jitlob li fl-att tat-twelid tieghu issir annotazzjoni li hu maghruf bil-kunjom Debono. Ir-raguni ghal dan hija illi hu originarjament kien registrat bhala iben missier mhux maghruf meta twieled fl-1944. FL-1975 Antonio Grech irrikonoxxih bhala ibnu permezz ta' att pubbliku u kwindi minn dak in-nhar id-direttur tar-registru pubbliku irregistrah b' kunjom appuntu Antonio Grech meta sa dak in nhar kien kunjomu Debono. Evidentement hu dejjem baqa igib dan il-kunjom u kien ricentement illi induna li kien inbidel kunjomu minghajr ma kien jaf.  Il-konvenut qed isostni illi hu mexa skond il-ligi meta ghamel dan.

Fil-verita' in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet huma illuminanti kemm mill-punto di vista fattwali u kemm mill-lat legali u l-punti sollevati jimmeritaw esami.

L-attur ghamel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti al-Appell fil-kawza fl-ismijiet *"John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace –vs- Direttur tar-Registratur Pubbliku"* deciza fit-2 ta' Marzu 1994 illi gibdet attenzjoni ghall fatt illi l-att tat-twelid ma fihx biss kolonna li tindika l-ismijiet tal-genituri.

Hawn ta' min jinnota li l-attur ma hux qed jitlob ezattament tibdil ta' ismu, haga illi l-ligi u l-Qrati taghna dejjem irrezistew, izda annotazzjoni biex turi li hu maghruf b' dak l-isem u cioe Debono. Dan il-fatt gie iccarat meta hu talab korrezzjoni tac-citazzjoni.  Kwindi l-ezami ta' din il-Qorti ghandhu jkun relatat ma dan.

L-attur pero qed igib argumenti ohra.  Qed isostni ukoll illi meta l-Kodici Civili jitkellem fuq legittimazzjoni, qed jahseb f' kazijiet ta' minuri li jigu legittimati u mhux f' persuni maggorenni kif kien il-kaz tieghu.  Fil-verita il-Kodici jujza

l-kelma *tifel* madankollu wiehed irid jiftakar li bil-Malti, il-genituri jibqghu jirreferi ghal binhom bhala *it-tifel* anke jekk ikollu eta avvanzata. Ghandhu punt l-attur meta jghid li fil-verzjoni ingliza wiehed isib il-kelma *child.* Qed jargumenta ukoll illi l-konvenut ma kienx messu irregistra din il-legitimazzjoni fil-konfront tal-attur meta dan kien maggorenni, jekk mhux bil-kunsens tieghu.

Da parti tieghu il-konvenut qed jargumenta li hu mexa strettament skond il-ligi ghaliex ladarba kellu talba biex tigi registrata legitimazzjoni a bazi ta' att pubbliku ma setax jaghmel mod iehor. Jargumenta ukoll li l-ligi taghna ghandha pregudizzju spikkat a favur tal-istat ta' legittimita' u kwindi dejjem taghti kull fakolta' lill min irid jirregistra dan il-fatt li jaghmel dan.

Fil-verita wiehed ghandhu jghid li dan kollhu huwa minnu. Dan il-kaz ghandhu fattur importanti fis-sens li dak li gara lill-attur hu ma kellhux kontroll fuqu u f' daqqa wahda sab li kellu kunjom differenti minn dak li dejjem ghadda bih. Il-fatt li dak iz-zmien hu kien gia maggorenni fil-fehma tal-Qorti izzid mal-lanjanza tal-attur.

Din il-Qorti ma ssib ebda problema li l-attur jitlob semplici annotazzjoni li hu maghruf bil-kunjom Debono ghaliex effettivament dan mhux talli jirrispekja l-verita' izda fil-fatt jaghtih kontinwita ma' dak l-istat ta' fatt legali li kien jezisti qabel il-legittimazzjoni. B' din l-annotazjoni mhux se jigi disturbat l-istat legittimu tieghu u lanqas mhuwa se jinbidel kunjomu.

Il-Qorti mhijiex se tidhol fil-kwistjoni jekk l-attegjament tal-konvenut imurx kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem tal-attur ghaliex ma thossx li hemm necessita' ta' dan.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti **tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut** u **tilqa t-talba tal-attur** billi tordna li ssir

annotazzjoni fl-att tat-twelid tal-attur 5621 tas-sena 1944 billi jigi annotat li l-attur hu maghruf ukoll bil-kunjom **Debono**;

**L-ispejjes fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa**.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------